# KOLLOX HUWA RIGAL

Nhar il-Ħdax ta' Frar fl-10:00am se jkollna l-funzjoni tas-sagrament tal-morda fil-knisja. Ta' kull sena nistiednu lil dawk li jkunu jridu jirċievu din id-Dilka Mqaddsa. Is-sagrament tal-Griżma tal-Morda hemm allużjoni għalih fil-Bibbja fl-ittra ta' San Ġakbu, li jgħidilna, "Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-knisja, u ħalli dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej" (Ġakbu 5:14).



Lill-anzjani u l-morda, is-soċjetà għandha t-tendenza li tarahom bħala piż. Ejjew naraw lill-morda u l-anzjani b'mod ieħor.

* Ftit ilu għamilna laqgħa lil dawk li jwasslu l-Ewkaristija lill-morda.
* Niftakru fil-ħafna persuni li jissagrifikaw ħin, l-impjieg, is-saħħa biex jieħdu ħsieb xi ħadd vulnerabbli fil-familja.
* Nirringrazzjaw lil Alla għal dawk il-persuni li jduru bil-morda.
* Niftakru fi kliem il-Papa Franġisku jħobb jirrepeti: l-anzjani huma l-għeruq tagħna. Jekk ma niħdux ħsiebhom, ilkoll kemm aħna nitilfu mill-valur tagħna.

Nitolbu lil dawk li jixtiequ jirċievu s-sagrament tal-morda u għandhom bżonn it-trasport speċjali meta jkunu bil-wheelchair biex ikellmu lil Lina Mifsud (27559239), lil Tonina Sammut (21553041) jew iċemplu fl-Uffiċċju Parrokkjali (21551649) sat-Tlieta 8 ta' Frar.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## AVVIŻI:

**IL-MEMBRI TAL-MUŻEW TAL-BNIET:** javżaw li minn nhar it-Tnejn 7 ta' Frar, il-lezzjonijiet tat-tagħlim ser ikunu fil-Mużew stess u mhux online. It-tfal tal-Year 1 **biss** se jibqgħu online. Il-ġranet u l-ħinijiet se jibqgħu l-istess.

**KORREZZJONI:** fil-ħarġa tal-bullettin li għaddiet ktibna ċ-ċifra żbaljata dwar il-bejgħ tal-metalli. Trid tkun €1,130.00.

## ROKNA EKOLOĠIKA: ĦITAN TAS-SEJJIEĦ

Bosta pajjiżi għandhom il-ħitan tas-sejjieħ reġistrati mal-UNESCO, bħala wirt kulturali. Jingħat li f'pajjiżna t-teknika tal-bini tal-ħitan tas-sejjieħ biex iħarsu l-ħamrija, ġiet introdotta xi 7,000 sena ilu.



## ENGLISH CORNER

A line from this week's Gospel reading: "Do not be afraid. Follow me, I will make you fishers of men". These words were addressed to Peter. But we too must be apostles and fishermen.

Next Thursday, 10th February, in Malta we celebrate the feast of St Paul.

*Read Chapters 27 and 28 of the Acts of the Apostles.*

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am